**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Rikors numru 248/2015**

**P.J. Sutters (Marketing) Limited (C35984)**

**vs**

**Noel Gauci (ID No. 17375M) u martu Mary Rose Gauci (ID No. 284176M)**

*Sentenza preliminari dwar talba ghall-kjamata fil-kawza ta' terz*

**Illum, 8 ta' Mejju 2019**

Il-Qorti;

Rat r-rikors numru 248/2015 fejn l-intimati intalbu jhallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tmint elef tlett mija hamsa u tmenin Euro u hamsin centezmu (€8,385.50c) rapprezentanti in kwantu ghas-somma ta' €7,904 l-import ta' *cheque* li ma giex onorat (Dok. A) u in kwantu ghas-somma ta' €481.50c a l-bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-konjugi Gauci.

Bl-ispejjes kollha ta' dawna l-proceduri, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numerat 1823/2015 li gie prezentat kontestwalment, kif ukoll l-imghax kummercjali dekorribbli (i) fuq is-somma ta' €7,904 b'effett mill-25 ta' Frar 2015 (li hija d-data *tac-cheque)* u (ii) fuq is-somma ta' €481.50c b'effett mit-30 ta' Jannar 2015, li hija d-data tal-ahhar konsenja ta' merkanzija."

Rat ukoll ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

"1) Illi preliminarjament il-konvenuti m'humiex f'posizzjoni li jirrispondu ghat-talbiet attrici stante li l-kawza hija bbazata fuq allegat *cheque* li ma giex onorat, u liema *cheque,* filwaqt li huwa indikat li gie esebit, fir-realta m'huwiex esebit. Ghaldaqstant l-istess konvenuti m'humiex f'posizzjoni li jirrispondu fuq xi haga li huma m'humiex edotti fuqha.

2) Illi l-istess jinghad ghall-ammont l-iehor pretiz ta' €481.50 rappresentanti merkanzija allegatament mibjugha u konsenjata lill-konvenuti stante li ma gietx ipprezentata l-*invoice,* u stante li l-konvenuti qatt ma kellhom relazzjoni personali mas-socjeta attrici huma m'humiex f'posizzjoni li jirrispondu.

3) Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, kull ammont pretiz u nfondat fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

4) Illi wkoll minghajr pregudizzju, s-socjeta attrici ghandha tressaq prova sodisfacenti ghal kull ammont reklamat minnha.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez."

Rat ir-risposta ulterjuri tal-intimati li tghid hekk:

"1. Illi preliminarjament tintalab il-kjamat in kawza tas-socjeta Paolini Gauci Limited C 65112 ta' Giardino Mediterraneo, Triq il-Wileg, Marsaxlokk, stante li l-ammont pretiz mis-socjeta rikorrenti u li huwa indikat fie-cheque issa esebit minnha jirrapresenta merkanzija mibjugha mill-istess socjeta rikorrenti lis-socjeta Paolini Gauci Limited u mhux lill-intimati;

2. Illi c-cheque in kwistjoni kien inhareg mill-intimat Noel Gauci stante li l-istess socjeta Paolini Gauci Limited ma kienetx ghad ghandha bank account meta sar in-negozju bejn is-socjeta rikorrenti u s-socjeta Paolini Gauci Limited, u l-istess cheque kien gie rtirat, bi qbil bejn is-socjeta rikorrenti, is-socjeta Paolini Gauci Limited u l-intimati, tant illi l-istess socjeta rikorrenti ghada tbiegh il-prodotti taghha lis-socjeta Paolini Gauci Limited sal-gumata tal-lum;

3. Illi kull garanzija personali li inghatat mill-intimat Noel Gauci lis-socjeta rikorrenti kien limitat ghas-somma ta' elfejn Euro (€ 2,000) u dank kif jirrizulta minn ftehim li kien sar bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjez."

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet sottomissjonijiet ghan-nom tal-partijiet.

Rat u qieset id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Rat illi fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2016[1] saret talba da parti tal-intimat ghal kjamata in kawza tas-socjeta` Paolini Gauci Limited liema talba giet opposta da parti tas-socjeta` attrici fejn il-Qorti ordnat lill-partijet irresqu l-provi taghhom fir-rigward ta' din l-eccezzjoni preliminari.

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza preliminari dwar it-talba ghall-kjamat fil-kawza tas-socjeta Paolini Gauci Limited.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-kawza in ezami qed issir talba ghall-kjamata fil-kawza ta' terz u ghalhekk, f'dan l-istadju, din il-Qorti ser tezami l-atti u l-provi migjuba quddiemha fir-rigward ta' tali talba.

**Provi**

Illi fis-7 ta' Ottubru 2015 is-socjeta attrici pprezentat nota li permezz taghha pprezentat kopja tac-*cheque* imsemmi fir-rikors promutur.

**Affidavit tal-intimat Noel Gauci**[2].

Noel Gauci jaghmel distinzjoni fl-affidavit tieghu bejn, "Il-Garanzija", "Ic-Cheque", "Il-Kawza" u "Flus dovuti lili".

---

[1] A fol. 40 tal-process
[2] Intavolat fit-28 ta' Frar 2017 – A fol. 44 sa 45 tal-process

Fir-rigward ta’ garanzija huwa spjega li l-garanzija flimkien ma xi *delivery notes* inghataw minn certu Rosette da parti tas-socjeta` attrici P.J. Sutters lil martu Rose Gauci sabiex hija tiffirmhom. Wara li d-dokumenti gew iffirmati hija intalbet iccempel lil intimat sabiex jiffirma l-istess garanzija. Noel Gauci spjega li huwa telaq b’harba mill-ufficcju ghal hanut fejn kif ra l-garanzija irrifjuta li jiffirma l-istess u jerfgha r-responsabilita` finanzjarja ghal kwanukwe dejn futur appartenenti lid-Diretturi Taljani in vista tal-fatt li huwa kien sempliciment azzjonist fl-istess socjeta`.

Noel Gauci stqarr li kien lest jiffirma l-garanzija f’kaz li s-socjeta` attrici taccetta li huwa kien qieghed jiffirma ghan-nom ta’ Paolini Gauci Limited u dan bil-ghan li l-konjugi Gauci ma jinzammux responsabbli personalment. Di fatti huwa sahaq li din il-kwestjoni giet ikkjaraifikata tramite l-uzu, *“tal-acronym ‘O.B.O.’ u l-isem tal-kumpanija hdejn il-firma tieghi.*[3]”

Il-ftehim bejn il-partijiet ikkoncernat kien li Rosette kellha tkellem lil *Financial Controller* u f’kaz ta’ nuqqas ta’ qbil da parti tieghu kellhom, “*jqattghu l-garanzija u ma jghatux xoghol on credit lill-kumpanija.*[4]”

L-intimat stqarr li martu ma nghatatx kopja tal-garanzija.

B’referenza ghac-*cheque* l-intimat spjega li s-socjeta` Paolini Gauci Limited sa Dicembru tas-sena 2014 ma kellix kont bankarju u konsegwentement wisq anqas *cheque book*. Is-socjeta` attrici talbet *cheque* fir-rigward tal-bilanc pendenti fejn l-intimat stqarr li d-Direttur u l-Azzjonist Angelo Paolini beda jaghmel pressjoni fuqu sabiex johrog

[3] A fol. 44 tal-process
[4] A fol. 44 tal-process

*cheque* personali lis-socjeta` kreditrici sakemm l-istess socjeta` tottjeni *cheque book*. L-intimat hareg *postdated cheque* ghal Frar tas-sena 2015. Il-ftehim bejn s-socjeta` attrici, Paolini Gauci Limited u l-intimat kien li c-*cheque* ma kellu jissarraf qatt izda jigi sostitwit immedjatament kif Paolini Gauci Limited tottjeni *cheque book*. L-eccezzjoni kienet limitata f'kaz li Angelo Paolini ma jhallasx, u l-konsegwenti proceduri gudizzjarji da parti tas-socjeta` rikorrenti jintlifu minn Angelo Paolini.

F'Jannar tas-sena 2015 l-intimat spjega li huwa informa lis-socjeta` attrici li ma kienx ser ikompli jifforma parti mis-socjeta` Paolini Gauci Limited u kien ftehem ma' Angelo Paolini sabiex ic-*cheque* jigi sostitwit immedjatament. Is-socjeta` attrici accettat, huwa telaq mis-socejta` minghajr ma talab kumpens lil Angelo Paolini izda ghalkemm talab li c-*cheque* jigi ritornat lilu dan qatt ma sar.

L-intimat spjega li ghalkemm kien sar dan il-ftehim is-socjeta` attrici baqghat titlobu l-flus dovuti minn Paolini Gauci Limited. Wara insistenza da parti tieghu sabiex issir laqgha bejn it-tlett (3) partijiet, fit-13 ta' April tas-sena 2015 Angelo Paolini informa lis-socjeta` attrici li kien ser ihallas id-dejn kollu fi ftit xhur.

Pero` l-intimat sahaq li s-socjeta` attrici xorta wahda pprocediet fil-konfront tieghu minflok kontra d-debituri proprja u cioe' Paolini Gauci Limited jew Angelo Paolini fejn il-*Financial Controller* telefonikament stqarr mal-intimat li s-socjeta` attrici pprocediet fil-konfront tieghu ghax ma kellix x'titlef peress li ma kienx ghadu fin-negozju filwaqt li kienet titlef zewg klijenti kieku pprocediet fil-konfront taghhom.

L-intimat ikkonkluda l-affidavti tieghu fejn spjega li l-konsenja ta' arancini fl-ammont ta' €4,794 li kienet saret lis-socjeta` attrici sabiex tinbiegh lil terzi kienet ghadha ma thallsitx.

**Joseph Rapa** ghan-nom tas-socjeta` attrici xehed fis-seduta tal-14 ta' Frar 2018[5] u kkonferma li t-talba da parti ta' P.J. Sutters (Marketing) Limited hija bbazata fuq *invoices* mahruga lis-socjeta` Paolini Gauci Limited fir-rigward ta' merkanzija moghtija lil istess *restaurant.*

Mistoqsi dwar il-*credit application form* ix-xhud spjega li meta fetah ir-*restaurant* is-socjeta` attrici kienet tikkonsenja x-xoghol *on a cash basis only* fejn in-negozju kien isir ma certu Angelo Paolini ta' nazzjonalita` Taljana. Angelo Paolini ried li jinghata kreditu fuq is-socjeta` izda s-socjeta` attrici ma kenitx disposta li taghtih din l-opportunita` minhabba li huwa ma kienx ta' nazzjonalita` Maltija. Wara diversi xhur joperaw b'din is-sistema huwa gie mgharraf minn Angelo Paolini li certu Noel Gauci, ta' Nazzjonalita Maltija kien azzjonsit fl-istess socjeta` u fuq talba ta' Angelo Paolini, is-socjeta` attrici ma kelliex oggezzjoni li taghti xoghol bi kreditu fuq is-socjeta` b'dan illi Noel Gauci u martu jiffirmaw il-*credit application form*, liema applikazzjoni giet iffirmata da parti taghhom. Sussegwentement Paolini Gauci Limited bdiet tinghata x-xoghol b'kreditu mis-socjeta` attrici.

Muri l-*credit application form* ix-xhud sahaq li meta l-intimata Mary Rose Gauci iffirmat l-istess dokument u hdejn isimha u l-firma taghha kitbet il-kliem, "*on behalf of Paolino Gauci Limited*", hija kienet, "*qed terfa' r-responsabilita` ta' Paolino Gauci Limited.*[6]*"*

Ghalkemm fuq l-istess *credit application form*[7], ix-xhud ikkonferma li l-*credit limit* li inghata lill-istess socjeta` kien ta'elfejn Ewro (€2,000) huwa sahaq li, "*jekk inti tara n-naha ta' isfel taghha, hemmhekk qieghda*

[5] A fol. 50 sa 61 tal-process
[6] A fol. 52 tal-process
[7] Intavolata fl-14 ta' Frar 2018 – Dok. 'JS' - A fol. 63 sa 64 tal-process

*for office use only, jigifieri dik hija suggettiva hafna jiena xi rrid nghati bhala credit.*[8]" Ix-xhud spjega li l-klijent ma jkunx konsapevoli tal-*credit limit*.

Ix-xhud stqarr li huwa kompla jissuplixxi x-xoghol ghalkemm il-*credit limit* gie ezawrit peress li l-intimat kien jghidlu, "*iva ha nhallsek, ha nirrangaw l-affarijiet li ghandna u jiena nhallsek. Jiena bqajt nafdah, filfatt imbaghad wasal cekk ta' sebat elef Ewro jew ta' kemm hu ezatt li gie esebit fil-Qorti. Tajulna postdated, jien qghadt nistenna sakemm jigi msarraf u meta mort il-bank ma accettahulix.*[9]"

Joseph Rapa kkonferma li huwa accetta c-*cheque* f'isem l-intimat personalment specjalment in vista tal-fatt li huwa kien iffirma l-*credit application form*.

L-istess xhud kompla jaghti x-xhieda tieghu fis-seduta tat-26 ta' Settembru, 2018[10] fejn ikkonferma li wara li giet intavolata l-kawza odjerna, is-socjeta` Paolini Gauci Limited li kienet tiggestixxi ir-*restaurant Giardino Mediterraneo* kienet xtrat minghand is-socjeta attrici xi xoghol fl-ammont ta' disa' mija tlieta u tmenin Ewro (€983), liema ammont kien thallas fl-intier tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Qorti:**

Illi mill-qari akkurat tal-provi mressqa mill-intimati u mis-sottomissjonijiet tal-partijiet jidher li Noel Gauci qieghed jishaq li kien hemm ftehim bejnu u bejn is-socjeta` attrici li c-*cheque postdated* bid-

---

[8] A fol. 52 tal-process
[9] A fol. 56 tal-process
[10] A fol. 70 sa 72 tal-process. L-istess xhud kien ukoll xehed fis-seduta tas-27 ta' Gunju 2018 – A fol. 67 sa 68 tal-process pero` kien gab mieghu kopja tal-*invoices* kollha tat-transazzjonijiet bejn is-socjetajiet in kwestjoni.

data tal-25 ta' Frar 2015 mahrug minnu fil-konfront tal-istess socjeta` qatt ma kellu jissarraf billi kien inhareg bhala garanzija izda kellu jigi sostitwit minn *cheque* mahrug mis-socjeta` Paolini Gauci Limited hekk kif l-istess socjeta` tiftah kont bankarju. In sostenn l-intimat jishaq li l-fatturi relattivi ghac-*cheque* inahrgu fuq is-socjeta` Paolini Gauci Limited u ghalhekk l-intimat sahaq li ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta` Paolini Gauci Limited.

Illi s-socjeta` attrici qieghda tibbaza l-oggezzjoni taghha ghal kjamat in kawza tas-socjeta` Paolini Gauci Limited fuq il-principju li l-emmissjoni tac-*cheque* huwa dejjem xhieda ta' debitu ta' l-ammont hemm indikat u fin-natura tieghu jammonta ghal ordni ta' hlas. Per di piu` is-socjeta` attrici sahhqet illi l-intimati dahlu garanti ghad-dejn tas-socjeta` Paolini Gauci Limited skont *credit application form* datata l-25 ta' Gunju 2015 u konsegwentement ir-relazzjoni guridika hija unikament bejn is-socjeta` attrici u l-intimati u mhux ma' terzi.

Illi in tema legali din il-Qorti b'referenza ghall-istitut tal-kjamata fil-kawza, gie definit hekk fis-sentenza **Joseph Riolo proprio et nomine vs Carmel Muscat**[11]

*"L-istitut (tal-kjamat in kawza) jaqdi diversi funzjonijiet procedurali, principalment:*

*"(a) dak li jintegra gudizzju fejn ikun hemm diversi konvenuti li jkollhom jigu mharrka u xi whud minnhom jithallew barra.*

*"(b) dak li jissalvagwardja d-drittijiet ta min ikun indirettament interessat fl-ewwel azzjoni gudizzjarja u li aktarx ggib warajha azzjoni ohra bhala konsegwenza taghha……."*[12]

---

[11] Qorti tal-Appell Superjuri – 15 ta' Marzu 1991

[12] Ara wkoll Vol. LXIX.i.96, Vol. LXXIX.ii.1110 kif ukoll C. Mamo vs B. Abela deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-4 ta' Frar, 2000 u Booker noe vs Camenzuli et, deciza mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-5 ta' Ottubru 2001

L-Artiolu 961 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:

*"Tista' wkoll terza persuna, b'degriet tal-qorti, f'kull waqt tal-kawza qabel is-sentenza, tigi msejha f'kawza miexja bejn partijiet ohra fil-qorti tal-ewwel grad, sew fuq talba ta' wahda mill-partijiet kemm ukoll minghajr dik it-talba"*

Il-Qrati Maltin stabbilew diversi regoli meta t-talba ghas-sejha fil-kawza ghanda tigi kkonsidrata u konsegwentement milqugha jew michuda kif spjegat fid-dettal fis-sentenza **Emanuel Camilleri vs Spettur Louis Calleja u l-Kummissarju tal-Pulizija**[13]**:**

*"Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f'persuna biex minnu tista' tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni. Madankollu, s-sejha fil-kawza m'ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin, jew ikunu gew imharrkin hazin.*

*Illi ghalkemm normalment is-sejha fil-kawza ssir mill-parti mharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmi, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza."*

Illi l-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni l-atti processwali in konnessjoni mal-istitut tal-kjamat in kawza, dak li tghid il-ligi u r-regoli stabbiliti mill-gurisprudenza nostrana, hija tal-fehma illi l-kjamata in kawza tas-socjeta` Paolini Gauci Limited isservi sabiex il-procediment

[13] Prim' Awla tal-Qorti Civili – 6 ta' Mejju 2014

odjern ikun integru u ghaldaqstant il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-intimati jixraq li tintlaqa'.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tilqa' din l-eccezzjoni ulterjuri mressqa mill-intimati u tordna l-kjamata in kawza tas-socjeta Paolini Gauci Limited, bin-numru tar-registrazzjoni C 65112, ta' Giardino Mediterraneo, Triq il-Wileg, Marsaxlokk.

Spejjez ta' din is-sentenza riservati ghas-sentenza finali.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur